218

# Dr. Gabriel Farrugia LL.D.

ADVOCATE
203/2, Vincenti Buildings,
Old Bakery Street, Valletta

15/6/2020

**Lil:** **Chairman**
**Enviroment and Planning Review Tribunal**
**Floriana**

**Re. Kaz bin-numru IF0420/19-N**

Inkarigat niktiblek mill-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta ta' Triq Santu Rokku, Kalkara KKR 6062 u nagħmel referenza għad-deċiżjoni rigward Avviż dwar Penali Amminstrattivi datat 21 ta' Frar 2020 (vide dokument immarkata bhala Dok. A), kif ukoll għal Notice of Imposition of Administrative Penalty datat 22 ta' Mejju 2020 (vide dokument immarkat bhala Dok. B) rigwardanti il-każ suriferit.

Illi l-Appellanti jħossuhom aggravati b'din id-deċiżjoni u għalhekk qed jinterponu dan l-umli appell;

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f'dan li ġej:

1) Illi fl-ewwel lok, il-Kummissjoni m'hix il-leġittimu kontradittur stante li dan li ġara ma kien bl-ebda mod responsabbilta' tagħha. Illi tajjeb li jingħad il-fatt li l-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi qatt ma ġabet prova li kienu l-ħaddiema tal-Kummissjoni li għamlu tali xogħol;

2) Illi fid-data tal-inċident u ċioe' is-17 ta' April 2019, l-Appellanti ma qabbdu u ma impjegaw lil ebda ħaddiem sabiex jiddistruġġi siġar li kienu jinsabu fit-Triq Santu Rokku;

3) Illi kienu propju ħaddiema t'entita' oħra u cioe' 'Waste Serv' li għamlu tali sfreġju;

4) Illi oltre minn dan, ix-xogħol in kwisjtoni lanqas biss sar fit-territorju tal-Kummissjoni stante li dan sar fi triq li hija pubblika.

5) Illi mingħajr preġudizzju għas-suċċepit, il-multa hija f'kull każ waħda eċċessiva.

Għaldaqstant l-Appellanti umilment jitolbu li, filwaqt li jirriservaw il-posizzjoni tagħhom li jressqu aktar provi skont il-ligi fl-istadju anke tal-appell, dan it-Tribunal tal-Revizjoni jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella id-deċiżjoni tal-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi datata 21 ta' Frar 2020.

DR. GABRIEL FARRUGIA
ADVOCATE
203/2, VINCENTI BUILDINGS,
OLD BAKERY STREET, VALLETTA